

# Meta r-raħal ta' Ħal Luqa rnexxielu jinqata' minn Bir Miftuħ u sar Parroċċa

## *Xi aspetti soċjali ca. 1600-1634*

**Mario Cassar**

Is-sena 2009, Ħal Luqa ffesteġġja l-375 sena mill-fondazzjoni tal-parroċċa fl-1634. L-istorja ta' kif ir-raħal, wara ħafna taqtigħ il-qalb, irnexxielu jinqata' minn Bir Miftuħ inkitbet minn ħaddieħor u allura miniex sa noqgħod nirrepetiha hawn.[1] Minflok sa nagħti ftit tagħrif dwar il-ħajja soċjali f'Ħal Luqa fis-snin 1600–1634 biex b'hekk wieħed ikollu ħjiel ta' min kienu l-Ħalluqin ta' dak iż-żmien u kif kienu jgħixu. Il-parti l-kbira tal-informazzjoni miġbura f'dan l-artiklu hija msejsa fuq ir-riċerka ta' Dun Ġużepp Micallef fil-ktieb tiegħu *Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha* (Malta, 1975) u t-teżi tal-B.A. (Gen.) – mhux ippubblikata – ta' George Zammit u Salvino Muscat, 'The Parish of Bir Miftuħ: 1600–1635' (L-Università ta' Malta, 1973). Referenzi oħra jidhru fin-noti.

### Introduzzjoni

Dokument importanti tal-1436, magħruf bħala r-*Rollo de Mello*, jindika li sa dik is-sena d-djoċesi Maltija kienet diġà kostitwita minn tnax il-parroċċa (jew *cappelle*), apparti dik ta' Għawdex. Dawn kienu l-Imdina u r-Rabat (flimkien), il-Mellieħa, Had-Dingli, in-Naxxar, Bir Miftuħ, Ħaż-Żebbuġ, Ħal Qormi, is-Siġġiewi, Birkirkara, il-Birgu, Santa Katerina (iż-Żejtun), u ż-Żurrieq. Il-parroċċa ta' Bir Miftuħ kienet tħaddan fiha l-Gudja, Ħal Luqa, Ħal Tarxien, Ħal Safi, Ħal Kirkop, L-Imqabba, u Ħal Farruġ. Ħal Tarxien u Ħal Kirkop saru parroċċi għalihom fl-1592; Ħal Safi u L-Imqabba fl-1598; għaldaqstant, fiż-żmien li sa nitkellmu fuqu, Bir Miftuħ kien jikkonsisti biss mill-Gudja, Ħal Luqa, u Ħal Farruġ.

Il-kappillan ta' Bir Miftuħ kien Dun Mario Mallia li ħa l-ħatra fl-1599 fi żmien l-Isqof Gargallo. Ħal Luqa kien bla dubju ta' xejn l-akbar villaġġ fost l-irħula kollha li oriġinalment kienu jiffurmaw din il-parroċċa. Għalhekk kellu marbutin miegħu l-akbar ammont ta' renti u għalhekk ukoll il-Kappillan Mallia għall-bidu rreġista bil-kbir it-talba tal-Ħalluqin sabiex jinqatgħu għalihom. Din is-sitwazzjoni tispjega għala l-irħula l-oħra, b'popolazzjoni ferm anqas minn Ħal Luqa, saru parroċċi qabilna. Il-kappillan ta' Bir Miftuħ sempliċiment kellu ħafna x'jitlef. Mallia, li altrimenti hu deskritt bħala bniedem erudit u fabbli, miet fl-1635, sena wara li Ħal Luqa sar parroċċa awtonoma. Ir-reġistri tal-magħmudijiet, taż-żwiġijiet, u tal-imwiet deskritti f'dan l-artiklu għalhekk kienu kkompilati kollha minnu.

### Djar, familji, u popolazzjoni

Meta Mons. Pietro Dusina għamel il-viżta pastorali famuża tiegħu fl-1575 kien irrapporta li f'dak iż-żmien f'Ħal Luqa kien hemm madwar 130 dar.[2] Ir-rapport tal-viżta pastorali tal-Isqof Cagliares, fil-5 ta' Ġunju 1618, juri li fir-raħal kien hawn mal-200 dar.[3] Pietru Pawl Castagna jsostni li fl-1634, fis-sena li r-raħal sar parroċċa, kien hemm 240 dar.[4] Dawn iċ-ċifri jindikaw li f'temp ta' ftit anqas minn 60 sena, in-numru ta' djar kważi rdoppja – indikazzjoni ċara ta' prosperità. Kien għall-ħabta ta' dan iż-żmien li d-djar ma baqgħux jinbnew bil-bitħa quddiem, imma bil-bieb jagħti fuq it-triq u l-bitħa fuq wara. Il-parti l-kbira tad-djar kienu jikkonsistu f''kamra tal-għejxien', kċina, bitħa, bir, u għalqa jew ġnien.[5]

Dan il-progress jidher ftit anomalu meta tqis li fil-bidu tad-disgħinijiet tas-seklu 16 Malta batiet bl-ikrah mill-ġuħ u l-pesta. Hu kkalkulat li minħabba l-karestija mietu xi 3,000 Malti, filwaqt li matul l-epidemija ħallew ħajjithom xi 3,800 ruħ oħra. M'għandniex informazzjoni kemm mietu nies minn Ħal Luqa, imma r-raħal ma setax ma ntlaqatx. Dawn kienu tassew snin ta' tbatija li żgur ħallew il-marka tagħhom fuq il-komunità lokali.

Mill-informazzjoni meħuda mir-reġistri parrokkjali ta' Bir Miftuħ jidher li f'din il-parroċċa, fil-perjodu 1600–1635, kien hemm 475 familja – 274 f'Ħal Luqa, 169 fil-Gudja, u 21 f'Ħal Farruġ.[6] Mill-ewwel snin tal-1600, il-ħajja f'Ħal Luqa bdiet sejra għall-aħjar. Żdied ix-xogħol u kibret il-popolazzjoni. Fl-1614 Ħal Luqa, il-Gudja, u Ħal Farruġ flimkien kellhom 1,280 ruħ; sa tliet snin wara, in-numru tela' għal 1,402. Ċensiment li sar fl-1632 jagħti n-numru ta' Ħalluqin bħala 1,000.[7] Għalhekk, meta r-raħal sar parroċċa fiż-żmien l-Isqof Cagliares, il-popolazzjoni ma setgħetx kienet ħafna akbar minn hekk.

### Twelidijiet

Fir-reġistri tal-magħmudija ta' Bir Miftuħ (*Liber Baptizorum*) hemm irreġistrati 1,699 twelidijiet għas-snin 1600–1635. Minn dawn, 1,025 kienu minn Ħal Luqa, 557



mill-Gudja, u 57 minn Ħal Farruġ.[8] Billi Ħal Luqa sar parroċċa fl-1634, it-total ta' twelidijiet f'Ħal Luqa għas-sena 1634 hu biss parzjali u dawk tal-1635 ma jidhrux għax sintendi huma rreġistrati f'Ħal Luqa stess. Hu x'inhu, iċ-ċifri jitkellmu waħedhom u jikkonfermaw il-kobor relattiv tar-raħal ħdejn il-matriċi tal-Gudja. Il-medja f'Ħal Luqa kienet ta' 28 twelid fis-sena; biss din iċ-ċifra ma tisatx tkun eżatta minħabba li xi informazzjoni hi nieqsa.

Jekk matul dan il-perjodu, f'Bir Miftuħ, kien hemm 475 familja u twieldu 1,699 tarbija, nistgħu nikkalkulaw li l-medja tat-twelid, għad-dritt, kienet ta' tlett itfal għal kull familja. Sintendi, kien hemm familji li kienu prolifiċi ħafna aktar minn hekk. Minn tal-anqas, tmien ommijiet kellhom tmint itfal kull waħda; ħames ommijiet kellhom disat itfal kull waħda; u seba' ommijiet kellhom għaxra kull waħda. Ċerta Laurica kellha ħdax minn Bernardo Xiberras bejn l-1613 u l-1632; u Margerita, imwielda Grixti, kellha ħdax ukoll minn Tomaso Caruana bejn l-1607 u l-1628. Ir-rekord aktarx kien ta' ċerta Dominica (kunjom mhux magħruf) li bejn l-1602 u l-1627 kellha 13-il tifel u tifla minn Joannes Mallia.

Matul il-perjodu li qed niflu, l-ogħla numru ta' trabi li twieldu f'Ħal Luqa kien ta' 43 (fl-1633) filwaqt li l-anqas numru kien ta' 13 (fl-1629); biss, f'din is-sena kien hemm 13-il każ ta' twelid ieħor li għalihom m'għandniex informazzjoni u allura n-numru hu ċertament akbar. B'kollox kien hemm 13 il-każ ta' tewmin, sebgħa f'Ħal Luqa u 6 fil-Gudja. Ġeneralment it-trabi kienu jitwieldu d-dar, imma ħlief f'każijiet ta' emerġenza kellhom jitgħammdu fil-parroċċa. Dusina kien ta istruzzjonijiet ċari biex it-trabi jitgħammdu fi żmien tmint ijiem mit-twelid tagħhom u li kellhom jingħataw biss ismijiet ta' qaddisin.[9]

Żewġ nisa minn Ħal Luqa, Imperia mlaqqma *Ta' Baito* u Angelica Grimaldi kellhom żewġt itfal illeġittimi kull wieħed. Żewġ nisa oħra, it-tnejn jisimhom Hieronima, ukoll kellhom tarbija barra miż-żwieġ. Jeżisti suspett li dawn it-tnejn, fil-fatt, kienu l-istess mara, imma billi f'każ minnhom m'għandniex il-kunjom ma nistgħux inkunu ċerti. Għalhekk fir-raħal kien hemm 6 twelidijiet illeġittimi, minn fost total ta' 17 li seħħew fil-parroċċa ta' Bir Miftuħ.[10]

Il-parrini fil-magħmudija, kif wieħed jista' jobsor, kienu ġeneralment qraba tal-familja, iżda xi kultant naqraw l-ismijiet ta' membri tal-kleru (*clericus*, *cappillanus*), professjonisti (*magistrus*, *medicus*, *notarius*, *commissario*), residenti barranin, u anki Kavallieri tal-Ordni. Xi ġenituri kienu jaħtru nies prominenti bħal dawn bħala parrini sabiex forsi jakkwistaw xi sura ta' patronaġġ għal uliedhom meta jikbru. Din kienet drawwa diffuża f'Malta kollha.

Fir-reġistri tal-magħmudija, xi kultant, jitfaċċaw ukoll xi dettalji strambi. Pereżempju, fil-31 ta' Marzu 1604 twieldu tliet subien minn Bartolomea Grasso, mart Domenico. Tgħammdu d-dar imma l-Kappillan Mallia amministra ċ-ċeremonji l-oħra tas-sagrament fil-knisja parrokkjali. Ingħataw l-ismijiet ta' Gio Domenico, Gio Battista, u Gio Antonio.[11] Fl-1611 ċerta Magdalena (bla kunjom), serva fid-dar ta' Valerio Paci minn Ħal Luqa, tgħammdet meta kienet diġà adulta.[12] Dan jagħtina x'nifhmu li kienet ilsira li kkonvertiet għall-Kristjaneżmu. Fir-reġistrazzjoni tat-twelid ta' ċertu Marcello Tonna minn Ħal Luqa hemm imniżżla wkoll id-data tal-mewt tiegħu. Tonna, li miet ta' 23 sena, sintendi, jidher ukoll fir-reġistru tal-imwiet, imma l-każ tiegħu jibqa' uniku.[13]

L-aħħar magħmudija ta' tarbija Ħalluqija f'Bir Miftuħ kienet dik ta' Filippo, iben Angelo u Caterina Xicaluna fl-14 ta' Mejju 1634.[14]

## Żwiġijiet

Fir-reġistri ta' Bir Miftuħ (*Liber Matrimoniarum*), matul il-perjodu li qed nittrattaw, hemm irreġistrati 332 żwieġ. Biss, iż-żwiġijiet kollha li seħħew bejn it-13 ta' April 1630 u s-7 ta' Awwissu 1633 huma neqsin; għalhekk, iċ-ċifri li għandna f'idejna huma inkompleti. Minn dawn iż-żwiġijiet, 191 kienu abbinati ma' Ħal Luqa, 74 mal-Gudja, 52 ma' Bir Miftuħ, u 14 ma' Ħal Farruġ.[15] Dawn in-numri jerġgħu jikkonfermaw il-kobor relattiv tar-raħal.

L-ogħla numru ta' żwiġijiet fil-każ tal-Ħalluqin kien dak ta' 12 (fl-1629), filwaqt li fis-snin 1606, 1607, 1610, 1613, 1616, 1618, u 1626 kien rreġistrat żwieġ wieħed biss kull darba. Iż-żwiġijiet huma elenkati skont il-provenjenza tal-għarusa.

Kien appuntu f'dan il-perjodu li ż-żwiġijiet fil-knisja bdew isiru popolari. Għal ħafna żmien, iż-żwieġ (iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament), għall-kuntrarju tad-direttivi ta' Mons. Dusina, kien isir fid-dar tal-għarusa flimkien mat-tieġ (ir-riċiviment). Mit-332 żwieġ irreġistrati, 88 seħħew fil-knisja u 117 oħra saru fi djar privati. Għall-127 każ l-ieħor m'għandniex informazzjoni. Nafu żgur li 19-il ċeremonja żvolġew fil-knisja ta' Sant'Andrija ta' Ħal Luqa.[16]

Il-Kappillan Mallia, normalment, kien iniżżel ukoll l-ismijiet tax-xhieda. Għal darb'oħra jerġgħu jidhru l-ismijiet ta' xi nies prominenti. Forsi l-aktar wieħed li jispikka hu dak ta' Luca Hellul għax jidher kemm-il darba. Dan Hellul kien wieħed mill-firmatorji tar-rikors jew petizzjoni li l-Ħalluqin ressqu fl-1631, kif ukoll tad-digrieti tal-Papa Urbanu VIII tal-1632 u l-1634 sabiex r-raħal isir parroċċa għalih.[17]

Kull żwieġ kellu bilfors isir fil-preżenza tal-kappillan. Mill-1604 Dun Mario kien beda jżewweġ il-

koppji Ħalluqin f'darhom stess biex jiffrankalhom it-triq. Dan ġara l-ewwel darba fis-26 ta' Novembru meta żżewġu Antonio Briffa u Marietta Buttegeg. Għall-barka sagramentali xorta kellhom imorru Bir Miftuħ fil-ġranet ta' wara; imma din il-barka bdiet tingħata f'Ħal Luqa stess f'Ottubru 1612. L-aħħar żwieġ li sar quddiem il-kappillan ta' Bir Miftuħ kien dak ta' bejn Martino Farrugia u Gionaella Fontana fl-14 ta' Mejju 1634.[18]

Anki fil-każ taż-żwiġijiet niltaqgħu ma' xi każ stramb. Żwieġ doppju seħħ nhar il-11 ta' Lulju 1626 meta l-aħwa Hieronima u Angelica Taliana minn Ħal Luqa żżewġu lill-aħwa Clement u Giulio Muscat rispettivament.

Vito Debono, Sqalli minn Trapani, iżżewweġ lil Isabella Grech minn Ħal Luqa fl-1591. Kien jaħdem ta' *buonavoglia* (qaddief volontarju fuq ix-xwieni) iżda bejn l-1606 u l-1614 qatt ma deher fir-raħal. Giuliano Psaila minn Ħal Luqa, li wkoll kien għamel żmien ibaħħar mal-flotta tal-Ordni (suldat fuq ix-xini *San Lorenzo*), ikkonferma l-għajdut li lil Vito kienu għallquh f'Viterbo minħabba qtil. Wara li ħarġu l-permessi neċessarji mill-Kurja, Isabella u Giuliano żżewġu fit-13 ta' Awwissu 1614. Madankollu, ftit wara, instab li Vito, wara kollox, kien għadu ħaj u għalhekk it-tieni żwieġ ta' Isabella kellu jiġi annullat.[19] Biss l-istorja kellha tmiem tipiku tal-ħrejjef għax ftit ta' żmien wara Vito miet f'Messina f'Ottubru 1614. Skont ir-riċerka li għamlu Zammit u Muscat, Giuliano spiċċa biex iżżewweġ lit-tifla tal-koppja, li wkoll kien jisimha Isabella, fit-2 ta' Marzu 1615.[20]

## Imwiet

Fir-reġistri ta' Bir Miftuħ (*Liber Mortuorum*) għas-snin 1600–1634 insibu 412 reġistrazzjoni ta' mewt, li minnhom 244 huma ta' nies minn Ħal Luqa. Dawn ir-reġistri ma jinkludux l-imwiet tat-trabi għax kieku n-numru kien ikun ferm aktar numeruż. L-ogħla numru ta' mwiet f'Ħal Luqa kien 19 (fl-1624), filwaqt li l-anqas numru kien 2 (fl-1600). Il-medja f'Ħal Luqa kienet ta' seba' mwiet fis-sena.

Il-funerali kienu jsiru għall-knisja ta' Bir Miftuħ, fejn kienet issir quddiesa, letta jew kantata; xi drabi kien jitkanta wkoll l-uffizzju tal-mejtin. Fil-funerali kienu jakkumpanjaw il-fratellanzi tas-Sagrament (imwaqqfa fl-1575) u tar-Rużarju (imwaqqfa fl-1587), kif ukoll xi qassisin prexelti, skont ix-xewqa tal-moribond.[21]

Il-mejtin kienu jindifnu f'Bir Miftuħ, imma f'każijiet tassew rari nsibu persuni li ndifnu f'Ħal Luqa. Fost dawn insemmu lir-Rev. Don Johannes Luca Bonnici, *cantore della catedrale*, li ndifen fil-knisja Tal-Madonna 'Tal-Ftajjar'; lil Pasquale Mallia mir-raħal stess li ndifen fil-knisja ta' Sant'Andrija fl-1633; u lil Francesco Hellul, iben Jacobo, li ndifen f'Ħal Luqa imma ma nafux f'liema knisja. Dan Francesco, ironikament, ma kienx jgħix Ħal Luqa.[22] L-aħħar difna ta' persuna minn Ħal Luqa f'Bir Miftuħ kienet ta' Marietta Briffa fit-23 ta' Frar 1634.[23]

Għal kull mejjet, il-Kappillan Mallia normalment kien jindika jekk l-individwu kienx irċieva l-Griżma tal-Morda u jekk ħalliex xi flus jew proprjetà għal xi quddies, għal xi fratellanza, jew sabiex jinxtara ż-żejt għal-lampa tas-Sagrament. Kien hemm min kien iħalli legat sabiex il-flus jitgawdew minn xi orfni jew xi tfajla msejkna li tkun waslet biex tiżżewweġ.[24] Il-faqar li kien hawn fir-raħal hu kkonfermat mill-fatt li mhux l-ewwel darba u tnejn li l-kappillan kien iniżżel il-kelma *povero/a* ħdejn isem il-mejjet.

Ta' min isemmi l-imxija tal-mard tal-grieżem (*mal di gola*) li ħakmet lil Ħal Luqa u l-Gudja fl-1632. F'din l-epidemija mietu iżjed minn mitt ruħ, l-aktar tfal.[25] F'Ħal Luqa biss mietu 86 persuna minn fost 45 familja differenti. Ċerti familji ntlaqtu aktar minn oħrajn: 19-il familja tilfu wild wieħed: 15-il familja tilfu żewġ ulied; 10 familji tilfu tlieta; u l-povru Cola Psaila tilef ħamsa. Żewġ vittmi kienu adulti.[26]

## Xogħlijiet

Nafu li ħafna Ħalluqin, f'dan iż-żmien, kienu involuti fix-xogħol tal-bini. Nafu b'nies mir-raħal li taw sehemhom fil-kostruzzjoni tal-Belt Valletta. Xi wħud kienu jaħdmu fil-barrieri ta' dawn l-inħawi, waqt li oħrajn kienu jmiddu jdejhom fil-bini ta' djar jew kmamar privati. Fost dawn il-ħaddiema tal-ġebel insibu lil Mariano Bondin (1605), Giuseppe Camenzuli (1617), u Lorenzo Mallia (1632).[27]

Bla dubju ħafna Ħalluqin kienu jaqilgħu x'jieklu mill-biedja. Xi wħud kellhom ir-raba' tagħhom; oħrajn kienu jaħdmu l-art bi qbiela. Dawn tal-aħħar kellhom dilemma kbira quddiemhom – jekk jitgħażżnu kienu jibqgħu lura u jbatu l-konsegwenzi; jekk iħabirku kienu jissugraw li s-sidien jgħollulhom il-qbiela bl-argument li l-art qed tirrendi. Hekk ġralhom ulied Simone Grima fl-1600. Il-bidwi Ħalluqi kien kemm-il darba jtella' l-ħitan tal-għelieqi, iqatta' l-blat minn wiċċ l-għalqa, u jġorr il-ħamrija biex jgħatti l-blat u b'hekk ikollu spazju akbar għaż-żergħa.[28]

Ir-raba' ta' madwar Ħal Luqa kien magħruf bl-inħawi tiegħu: *Ta' Wied il-Knejjes, Ta' San Tumas, Ta' Ħal Farruġ, Ta' Midemmes* (f'tarf Triq iż-Żurrieq), *Ta' Misraħ il-Knisja, Ta' Taħt il-Ġnien, Ta' San Ġakbu* (jew *Ta' Ħal Fuqani*), *Ta' Ħal Saflieni*, u l-inħawi *Tal-Marsa*, hekk kif tħalli r-raħal għal dan l-imkien. Fost l-għelieqi li kienu jinħadmu f'dan il-perjodu nsemmu *Tal-Għadira, Ta' Gawdi, Tal-Lampa, Ta' Bwar Ximbir, Tal-Qtates, Ta' Bir it-Twil, Tal-Ħasfes*, u *Tal-Ibwar*.[29] Xi bdiewa Ħalluqin kellhom r-raba' f'partijiet oħra ta' Malta, inkluż il-Marsa, Kordin, Għajn Dwieli, Tal-Barrani, Ħal Għaxaq, il-Gudja, u saħansitra Ħad-Dingli.[30]




Xi Ħalluqin kienu jaqilgħuha billi jirgħu l-imrieħel; hekk kien ix-xogħol ta' Vincenzo Imbrogl u Angelo Muscat. Oħrajn kienu jaħdmu fuq il-baħar. Xi wħud kienu sajjieda fil-port tal-Marsa waqt li oħrajn kienu baħrin mal-flotta tal-Ordni jew ta' xi patrun ieħor. Oħrajn insibuhom kursara professjonali jew ingaġġati fuq bastimenti tal-merkanzija. Xi Ħalluqin saħansitra kienu jinkitbu bħala qaddiefa minn jeddhom (għalhekk *buonavoglia*), aktarx minħabba li jkunu daħlu f'xi dejn. Altrimenti dan ix-xogħol disprezzat kien riservat għall-iskjavi u l-kriminali. Valerio Gat kien suldat fuq ix-xini *Santa Maria* (1613), filwaqt li Sebastiano de Lorenzo kien baħri mal-flotta ta' Spanja (1629). Mhux l-ewwel darba u tnejn li xi ħadd minnhom kien jinqabad mill-għadu u jispiċċa lsir f'art il-Mislem. Hekk ġralhom Giovanni Romano (1622) u Domenico de Lorenzo (1625).

## Barranin u kunjomijiet

Il-preżenza tal-Ordni f'Malta ppreċipitat il-wasla ta' ħafna barranin f'Malta li kienu jiġu biex ifittxu x-xogħol – xi wħud bħala suldati jew baħrin, oħrajn bħala nies tas-sengħa jew sempliċiment servjenti. Xi wħud fetħu xi negozju żgħir. Dawn il-barranin kienu fil-maġġoranza tagħhom Sqallin, Taljani (speċjalment Kalabriżi u Naplitani), Franċiżi, u Griegi. Nafu b'mijiet ta' każijiet ta' stranġieri li ssetiljaw fi gżiritna, iżżewġu xebbiet Maltin, u bdew familja fostna. Dan ġara l-aktar fiż-żona tal-Port il-Kbir kif jixhdu r-reġistri parrokkjali tal-Belt (il-Portu Salvu u San Pawl) kif ukoll tal-Kottonera (il-Birgu, l-Isla, u Bormla). Fl-irħula tal-kampanja, it-taħlit kien limitat u x-xebbiet aktarx kienu jiżżewġu rġiel mill-istess raħal jew almenu mill-villaġġi tal-qrib. Sintendi l-eċċezzjonijiet ma jonqsux.

Fil-każ ta' Ħal Luqa diġà semmejna l-każ tal-Isqalli Vito Debono minn Trapani. Cesare Palumbo (jew Palumbi) minn Torre del Greco, lokalità ħdejn Napli, kien ġie Malta fl-1579 mal-armata navali ta' Don Giovanni tal-Awstrija. Fl-1617 iżżewweġ lil Angelica D'Antoni minn Ħal Luqa fl-1617 u kellhom ħamest itfal.[31] Fl-1626 ħeles minn *buonavoglia* minn fuq ix-xini *Santa Maria* billi wiegħed li jħallas id-dejn kollu li kellu mal-Ordni. Daħlet garanti ta' dan il-ftehim l-istess martu.[32]

Il-baħri Gabriele Alonso (jew D'Alonso) iżżewweġ lil Vincentia D'Antoni (oħt Angelica) fl-1619; oriġinalment, dan kien joqgħod il-Belt. Fl-1630 jissemma Francesco Perone min Messina, *buonavoglia* fuq ix-xini *San Paolo* li sitt snin wara żżewweġ lil Hieronima Fabiano, li qabel kienet miżżewġa barrani ieħor li aktarx għereq. Kemm Alonso kif ukoll Perone kienu joqogħdu Ħal Luqa, almenu għal xi żmien. Il-Grieg mastru Nicola Gullo kien ir-raġel ta' Maria Zingheir u kien jaħdem ta' barbier. Kunjomijiet oħra li nsibu fir-raħal aktarx juru l-provenjenza tagħhom: Romano, Veronese, Siciliano, u Napolitano.[33]

Mill-bqija, ix-xebbiet Ħalluqin, fil-parti l-kbira tagħhom, ħadu ġuvni mir-raħal stess. Madankollu ta' min isemmi ż-żwiġijiet irreġistrati ma' rġiel minn barra r-raħal: insibu ġuvintur minn Ħal Kirkop, Ħal Safi, il-Qrendi, iż-Żurrieq, il-Gudja, Ħal Tarxien, Ħal Farruġ, Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ, is-Siġġiewi, H'Attard, Ħal Balzan, il-Mosta, il-Belt Valletta, il-Birgu, Ħaż-Żabbar, Pasqualino (iż-Żejtun), u Marsaxlokk. Xi tfajliet Ħalluqin saħansitra ħadu għarus min Għawdex: Joanella Psaila u Paulus Camilleri (1601), Marietta Mallia u Joannes Attard (1603), Hieronima Paci u Joannes Cumbo (1609), Agatha Agius u Bartholomeo Saguna (1609), Catherina Fiteni u Paulus Farrugia (1610), Catherina Chachia u Jos. Paolo Muscat (1626), Maria Pace u Georgius Greg (1629).

Fil-perjodu li qed niflu, nistgħu nosservaw xi kunjomijiet li llum huma estinti f'pajjiżna; fost dawn insemmu D'Antoni, Fabiano, Fontana (kollha msemmija diġà), Rodrigo, Chaveri, Dirbes, Gura (?), Baito, Sacmia, Bizula (kultant Bizzula) u Zingheil (kultant Zingheir). Domenica Rodrigo minn Ħal Luqa, pereżempju, iżżewġet lil Domeico Bonello minn Ħal Kirkop fl-1600;[34] Hieronima Chaveri minn Ħal Luqa żżewġet lil Salvus Fabiano mill-Birgu fl-1621; filwaqt li Agata Dirbes minn Ħal Luqa żżewġet lil Aloisio Dalli minn Ħaż-Żabbar fl-1601.[35] Brandano Gura, Nuaria Baito, u Gratia Sacmia mietu fl-1605, 1607, u 1615 rispettivament. Jacobu Bizula u Domenica Zingheil, it-tnejn minn Ħal Luqa, iżżewġu fl-1614.[36]

Imbagħad kien hemm familji b'kunjomijiet rari bħal De Lorenzo, De Laurenti, Grasso, Imbrogli, u Taliana. Giulia de Lorenzo, mart Carlo, mietet fl-1625, filwaqt li Domenico de Laurenti, iben Vincentio, miet fl-1618. Angelo Imbrogli u Joanella Psaila, it-tnejn minn Ħal Luqa żżewġu fl-1612,[37] filwaqt li Hieronima Grasso minn Ħal Luqa żżewġet lil Bartholomeo Cumbo mis-Siġġiewi fl-1617. Id-Dumnikan, Patri Damian Taliana, kien akkunpanja lil Mons. Dusina waqt il-viżta pastorali tal-1575; saċerdot ieħor mill-istess familja kien Don Giulio Taliana li miet fl-1625.

L-aktar kunjomijiet rappreżentattivi f'Ħal Luqa f'dan il-perjodu jidhru li kienu Psaila, Mallia, Briffa, Farrugia, Bonnici, u Grixti. Kunjomijiet oħra pjuttost komuni kienu Tonna, Muscat, Bondi, Grima, Imbrogl(i), u Biz(z)ul. Kif wieħed jistenna, bosta kunjomijiet jidhru spelluti differenti minn kif nafuhom illum għax kienu għadhom ma ġewx standardizzati. Xi eżempji jinkludu Baldaquino (Baldacchino), Imbrogl (Imbroll), Hellul (Ellul), Haxixa (Axisa), Azopard (Azzopardi), Buttegeg (Buttigieg), Greg (Grech), Xikaluna (Scicluna), Pensa (Penza), u Cafor

(Gafà). Kunjomijiet oħra preżenti fir-raħal fis-snin 1600–1635 li ma ssemmewx f'dan l-artiklu kienu: Balzan, Bellie (Bellia), Bonavia, Borg, Calleya (Calleja), Cassar, Emanuele (Demanuele), Falzon, Gusman, Mic(h)allef, Parnis, Saliba, Schembri, Spiteri, Tabone/i, Vella, Xeberras (Sciberras), u Zammit.

**Referenzi**

1 Joseph Micallef, *Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha*, Malta, 1975, pp. 68–75. Ara wkoll Alexander Bonnici, 'Dokument tal-Arkivju Sigriet tal-Vatikan tal-1632 Idawwal l-Oriġini tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa', *Leħen il-Parroċċa Ħal Luqa*, nru 360 (Lulju/Awwissu 2004), pp. 4–9.

2 Dusina żar Ħal Luqa fit-8 ta' Frar 1575. Ara George Aquilina u Stanley Fiorini (edituri), *Documentary Sources of Maltese History, Part IV – Documents at the Vatican: No. 1 Archivio Segreto Vaticano Congregazione Vescovi e Regolari Malta: Visita Apostolica no. 51 Mgr Petrus Dusina*, 1575, Malta University Press, 2001, pp. 112–15.

3 Micallef, p. 39.

4 Pietru Pawl Castagna, *Malta bil-Gżejjer Tagħha u Li Għadda Min Għaliha*, 1866, p. 171.

5 Micallef, p. 40.

6 George Zammit u Salvino Muscat, 'The Parish of Bir Miftuħ: 1600–1635', teżi tal. B.A. (Gen.) mhux ippubblikata, l-Università ta' Malta, 1973, p. 58. M'għandniex informazzjoni fuq sitt familji oħra, filwaqt li l-ħamsa li jifdal kienu familji minn barra l-parroċċa li għal xi raġuni jew oħra rrikorrew għas-servizzi ta' Bir Miftuħ.

7 Micallef, p. 39.

8 Zammit u Muscat, p. 20. It-total juri diskrepanza ta' 60 għas-sempliċi raġuni li kien hemm seba' twelidijiet oħra li seħħew f'parroċċi oħra filwaqt li għal 53 każ m'hemmx informazzjoni.

9 L-ewwel tarbija Ħalluqija mniżżla fir-reġistri ta' Bir Miftuħ kienet Andreana, bint Domenico Farrugia u Gioanna; kienet mgħammda fid-29 ta' Novembru 1559. Ara Micallef, p. 34.

10 Zammit u Muscat, pp. 27–8.

11 Micallef, p. 63.

12 Zammit u Muscat, p. 26.

13 Zammit u Muscat, p. 26.

14 Micallef, p. 64.

15 Zammit u Muscat, p. 41. Hemm reġistrazzjoni ta' żwieġ ieħor li ma tinqarax sew.

16 Zammit u Muscat, p. 41.

17 Zammit u Muscat, p. 50.

18 Micallef, p. 65.

19 Micallef, p. 48–9.

20 Zammit u Muscat, pp. 52, 118.

21 Micallef, p. 65.

22 Zammit u Muscat, p. 123. Individwu ieħor biss ma ndifinx f'Bir Miftuħ, imma ma nafux fejn preċiżament.

23 Micallef, p. 67.

24 Zammit u Muscat, p. 130.

25 Micallef, p. 39.

26 Zammit u Muscat, p. 126. Din l-imxija setgħet kienet tad-difterite.

27 Micallef, pp. 41–2.

28 Micallef, p. 43.

29 Micallef, pp. 43–4. Ħafna mill-ismijiet ta' dawn l-oqsma agrikoli u għelieqi kienu deskritti minn Mario Cassar fl-artiklu 'Toponimi Ħalluqin f'Dokumenti Antiki, ca. 1480–1600', *Festa Titulari ta' Sant'Andrija 2004*, Malta: Għaqda Mużikali Sant'Andrija Luqa, pp. 139–51.

30 Micallef, p. 43.

31 Micallef p. 39.

32 Micallef, pp. 39, 46. Ara wkoll Zammit u Muscat, p. 102.

33 Micallef, p. 40.

34 Zammit u Muscat, p. 68.

35 Zammit u Muscat, p. 82.

36 Zammit u Muscat, p. 67.

37 Zammit u Muscat, p. 94.


**Schembri Marbles**

MARBLE • GRANITE • QUARTZ

www.schembrimarbles.com

SHOWROOM:
**Schembri Marbles,**
**Dawret Ħal Għaxaq, Għaxaq.**
Opening Hours: 17:00 to 19:30

FACTORY:
**Schembri Marbles, Triq San Ġorġ, Għaxaq.**

EMAIL:
**schembrimarbles@yahoo.com**

Tel: **+356 2167 8608**
Tel/Fax: **+356 2167 2210**
Mob: **+356 9942 8581**
Mob: **+356 9949 9692**



LARGE SELECTION IN STOCK
TO CREATE WHAT YOU IMAGINE
**30 YEARS EXPERIENCE**